**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 28 ta' Gunju 2017**

Rikors Guramentat Nru. 384 / 09RGM

Kawza fil-lista: 19

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Hija kellha relazzjoni ma' C D u minn din ir-relazzjoni huma kellhom zewgt itfal; Heidi 1i twieldet fit-13 ta' Lulju 2000 kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid u Lana li twieldet fil-5 ta' Awwissu 2003 kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid.

2. F'Ottubru ta' l-2005, il-partijiet waslu ghal ftehim fejn il-missier obbliga ruhu li jhallas manteniment lir-rikorrenti ghal uliedu ta' Lm100 fix-xahar pagabbli bil-quddiem, liema ammont jigi aggustat kull tliet snin skont l-indici ta' l-gholi tal-hajja. Il-partijiet ftehmu wkoll illi l-missier ghandu jkollu access ghall-minuri; fl-ewwel gimgha mill-Gimgha fis-7.30 p.m. sal-Hadd fl-4.00 p.m.u fil-gimgha ta' wara nhar il-Hadd biss mid-9.30a.m. sas-7.00p.m.

3. Dan il-ftehim gie kkonfermat permezz ta’ zewg digrieti ta' din l-Onorabbli Qorti ta' l-14 ta' Ottubru 2005.

4. L-intimat izda, waqaf jonora dawn iz-zewg digrieti ftit wara li nghataw. Huwa ilu ma jaghti manteniment lir-rikorrenti minn Awwissu tal-2006. Minhabba f’hekk r-rikorrenti kellha terga' tiftah medjazzjoni u permezz ta' digriet tad-29 Ottubru 2009 fl-atti tal-medjazzjoni 752/09BOB, din l-Onorabbli Qorti ordnat lill-intimat provizorjament ihallas manteniment lir-rikorrenti ghall-uliedu, is-somma ta' €250 kull erba' gimghat.

5. L-intimat lanqas ma baqa' juri ebda interess fit-tfal - huwa ma jafx x’inhu ghaddej fil-hajja tat-tfal u la qatt imur ghalihom u jezercita l-access u sahansitra lanqas icemplilhom sabiex jara kif inhuma.

6. Fil-bidu li kien jiehu lit-tfal, l-intimat kien jitkellem hazin quddiemhom, jidghi ghal kull haga ta' xejn u jbellaghhom bl-ghajjat kontinwu tieghu. Huwa anke joqghod jinsulenta lin-nies b'gilda skura quddiem it-tfal sabiex idawwar lit-tfal kontra ommhom. It-tfal kienu jmorru lura ghand ommhom imwerwrin bl-ghajjat tieghu u bil-guh ghaliex kien jghidilhom jitolbu lil ommhom jekk iridu jieklu. Sahansitra wahda mill-bniet darba ghamlet tahtha bil-biza u lanqas qalet lil missierha ghaliex kienu tant imbezzehin minnu.

7. Wara dan kien hemm darba fejn ir-rikorrenti qalet lill-intimat sabiex imur f’ hin differenti ghat-tfal mill-hinijiet tas-soltu ta' l-access. Dakinhar huwa mar u meta r-rikorrenti ma fethitx il-bieb huwa zgassa l-bieb, ha lit-tifla u raqqadha gol-karozza minghajr ma r-rikorrenti kienet taf fejn qieghda u x'qed jigri. Dakinhar sar rapport lill-pulizija u t-tfal bdew jibzghu imorru ma' missierhom ghalhekk huwa beda jmur jarahom id-dar. Ir-rikorrenti kienet thalli lill-missier wahdu mat-tfal sabiex ihossu liberu jqatta’ hin wahdu maghhom.

8. Madanakollu ftit taz-zmien wara l-intimat kien mar jara lit-tfal kmieni filghodu u t-tfal kienu ghadhom ma hadux il-breakfast. Wahda mill-bniet riedet tiehu cereal u hu beda jghajjat u jsabbat u jitkellem hazin mat-tfal. Hu u r-rikorrenti kellhom argument u anke gew il-pulizija. Minn dakinhar `l hawn huwa la qatt mar jara lit-tfal u lanqas jistaqsi ghalihom. Huwa qata' wkoll il-linja tat-telefon li kellhom fid-dar li kienet fuq ismu. Issa ilu snin ma jara lit-tfal u minn naha taghhom it-tfal issa saru jibzghu meta jissemma missierhom.

9. Ir-rikorrenti dejjem rabbiet lil uliedha f’ghozza kbira u t-tfal ihossuhom stabbli u sikuri ma' ommhom. Minn missierhom ma jiftakru xejn hlief ghajjat u terrur.

10. Il-medjazzioni ma sehhitx ghaliex l-intimat qatt ma attenda ghas-seduti iffissati u din l-Onorabbli Qorti b'digriet tas-7 ta' Ottubru 2009 awtorizzat lir-rikorrenti tipprocedi b'kawza.

Ghaldaqstant r-rikorrenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tafda lir-rikorrenti l-kura u l-kustodja taz-zewg uliedom minuri Heidi u Lana;

2. Tordna lill-intimat ihallas manteniment ghar-rikorrenti u uliedu f' ammont li jigi likwidat mill-Qorti kif ukoll l-arretrati tal-manteniment li ma hallasx minn Awwissu ta' l-2006 l'hawn.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi huwa ma joggezzjonax ghal-ewwel talba tal-attrici fejn qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti tafda l-kura u kustodja tal-minuri f'idejha.

2. Illi z-zewg minuri Heidi li twieldet fit-13 ta' Lulju 2000 u Lana li twieldet fil-5 ta' Awwissu 2003 qed jghixu mal-omm.

3. Illi huwa joggezzjona ghat-tieni talba fejn l-attrici qed titlob manteniment ghaliha u ghaz-zewg minuri minn Awwissu 2006 stante li l-partijiet kienu irrikonciljaw f'dak iz-zmien u r-relazzjoni taghhom spiccat biss madwar sena ilu.

4. Illi l-attrici m'ghandhiex dritt titlob manteniment ghaliha stante li l-partijiet qatt ma zzewgu. Illi l-attrici kienet mizzewga lil Spiridione Tanti permezz tar-Registru Pubbliku u z-zwieg taghhom gie ddikjarat null minn din l-Onorabbli Qorti.

5. Illi l-attrici tahdem mentri l-konvenut ma jahdimx u mghandux mezzi finanzjarji sabiex imantni lilu innifsu.

6. L-allegazzjonijiet tal-attrici fir-rikors taghha fil-konfront tal-konvenut huma inveritieri u maghmula biss biex jitfghu dell ikrah fuqu u dan kif ser jirrizulta waqt il-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Rat id-digriet tal-14 ta' Ottubru 2005 fl-atti tal-medjazzjoni (Fol 68) li permezz tieghu il-konvenut gie ordnat ihallas is-somma ta' Lm100 fix-xahar ghaz-zewg uliedu minuri, li kellu jigi aggustat kull tliet snin skont l-indici tal-gholi tal-hajja.

Rat in-nota tal-attrici tad-19 ta' Ottubru 2010 (fol 55), li permezz taghha tipprezenta l-affidavit taghha, l-affidavut ta' Karmenu Vella u Habiba B Vella.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Jannar 2011, li permezz tieghu akkordat access provizorjament lill-konvenut kull nhar ta' Hadd mit-3pm sas-6pm (fol 77).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici.

Rat il-provi, d-dokumenti u l-atti kollha tal-kaz, inkluz dawk ipprezentanti quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**L-AZZJONI**

Permezz ta' din l-azzjoni, l-attrici qeghdha titlob li jigu regolarizzati bejnha u bejn il-konvenut, missier taz-zewg uliedha minuri, il-kwistjonijiet dwar kura u kustodja tal-istess minuri, manteniment ghalihom flimkien mal-arretrati dovuti minn Awwissu 2006, kif ukoll titlob li tigi stabbilita rata ta' manteniment ghaliha personali.

**PROVI**

Fl-affidavit taghha a fol 56 tal-process, l-**attrici** tixhed hekk:

1. *Jiena ltqajt ma' C D fl-1997 u bdejna nohorgu flimkien. Fl-1998 krejna post u dhalna noqghodu fih izda ma zzewwigniex ghaliex dak iz-zmien C kien ghadu ghaddejj mill-process ta' separazzjoni ma' l-ewwel mara tieghu. Fis- sena 2000 kellna l-ewwel wild taghna, Heidi, u fis-sena 2003 kellna lil Lana. Wara li twieldet Heidi diga kien beda johrog il-karattru ta' C — huwa kien bniedem agressiv u kemm-il darba uza vjolenza fuqi.*

2. *Minn naha tieghi, it-tfal dejjem kienu ghal qalbi hafna u dejjem hadt hsiebhom bl-ahjar mod li stajt anke jekk hafna drabi kont maghsura fmanzjarjament ghaliex C ma kienx u ghadu ma jaghtinix flus. Minn naha tieghu C qatt ma kien prezenti f hajjet it-tfal. Jiena kelli nahdem anke meta kelli t-tfal zghar hafna u dan ghaliex kif ghidt C ma kienx jaghtini flus. Kont naghmel minn*

*kollox sabiex inkunu sew finanzjarjament ghalkemm dejjem bi tbatija kbira biex insib ix-xoghol.*

3. *Iktar ma beda jghaddi z-zmien il-vjolenza ta' C baqghet dejjem tizdied. Meta kont tlett xhur tqila b'Lana, huwa kien refa jdejh fuqi wara li ordnali mmur ingiblu kaxxa ilma. Jiena kont fl-ahhar tat-tqala tieghi u ghalhekk kien perikoluz hafna ghalija u ghat-tarbija li noaghod inqandel u ghalhekk irrifjutajt l-ordni tieghu. Dakinhar huwa sawwatni u kont se nitlef it-tarbija. Mill-ewwel zwieg iieghu C kellu erbat itfal u kien igibhom ghandi u jitlaq 'il barra. Lill-kbira minn dawn it-tfal ma kienx ikellimha. Lil dawn kont nara li kien jittrattahom hazin, jghajjarhom b'ommhom u sahansitra isajjar ikel li jaf li ma jhobbux u jkollhom jikluh bil-fors. Darba sibt l-ikei ma' l-art u t-tfal qaluli li kien waddabulhom hu ma' l-art fir-rabja ii kien fiha. Meta beda jghaddi z-zmien beda jaghmel hekk anke mat-tfal tieghi stess. Lil Heidi jghajjarha 'injoranta' ghaliex ommha (jiena) mhix Maltija. Huwa kontinwament jghid kontra nies ta" gilda skura.*

4. *Meta Lana kellha madwar sentejn jiena ma flahtx iktar ghax kont nibza hafna minnu minhabba t-theddid kontinwu u vjolenza. Kont anke issuggerejtlu jibda jattendi sessions ta' l-Appogg izda dan kien kollu ta' xejn ghaliex huwa qatt ma ried jinbidel fl-attitudni maghna. Minn dejjem kont inkellmu fuq zwieg izda C qatt ma ried jlzzewweg. Hu telaq mill-post li konna nikru u jiena bqajt noqghod hemmhekk.*

5. *Wara li telaq mid-dar kien beda jigi f ixhin ifettillu u lanqas icempel qabel.*

6. *F'Ottubru ta' l-2005, konna wasalna ghal ftehim fejn C obbliga ruhu li jhallasni manteniment ghal uliedna ta' LmlOO (€233) fix-xahar. Gharnilna ftehim ukoll dwar l-access ghat-tfal. Meta kien jigi d-dar jara lit-tfal jiena kont noqghod f kamra ohra sabiex huwa jkun liber u j qatt a' hin maghhom.*

7. *C izda xejn ma dam jimxi ma' dan il-ftehim u ilu ma jaghtini manteniment minn Awwissu tal-2006.*

8. *Fil-bidu li kien jiehu lit-tfal. huwa kien jitkellem hazin quddiemhom, jidghi ghal kull haga ta' xejn u ibezzaghhom b.l-ghajjat kontinwu tieghu. It-tfal kienu jkunu imwerwrin meta jigu minghand missierhom bl-ghajjat tieghu. Kienu jkunu wkoll bil-guh ghaliex minbarra li qatt ma kien jaghtini flus, meta t-tfal kienu jitolbu lil missierhom jaghtihom huwa kien jghidilhom; 'ghidu '1 ommkhom ittikhom jekk tridu tieklub Sahansitra wahda mill-bniet darba ghamlet tahtha bil-biza waqt ii kienu mieghu ghaliex kienu fit-triq u beda jghajjat u jsabbat meta ma setax isib parking. Meta Lana kellha sena u nofs*

*kien hebb ghaliha u zainmha bil-forza minn idea tant li kellhom jigu l-Pulizija ghalkemm ma mexxewx bil- Qorti kontrih.*

9. *Darba ohra cempilt lil C sabiex jigi ghat-tfal f hin differenti. Dakinhar huwa gie xorta fil-hin li normalment kien jiehu lit-tfal u jiena ma ftahtx il-bieb. Huwa infexx f rabja kbira, zgassa l-bieb, ha lil Lana u dakinhar bil-lejl ma kontx naffejn qieghda. Kont inkwetata ghall-ahhar u mort l-ghassa. L-ghada huwa rritorna t-tifla u sirna nafu ii kien raqqad lit-tifla gol-karozza.*

10. *Ftit zmien wara C kien gie jara iit-tfal kmieni filghodu u t-tfal kienu ghadhom ma hadux il-breakfast. Wahda miil-bniet riedet tiehu cereal qabel jitilqu u C rega' ghal darb'ohra infexx f rabja u beda jghajjat u jsabbat u jitkellem hazin mat-tfal. Dakinhar kienu gew il-Pulizija d-dar. Minn dakinhar '1 hawn huwa la qatt mar jara lit-tfal u lanqas jistaqsi ghalihom. Huwa qata' wkoll il-linja tat- telefon li kellna fid-dar li kienet fuq ismu. Issa ilu snin ma jara lit-tfal u minn naha taghhom it-tfal issa saru jibzghu meta jissemma rnissierhom.*

11. *Jiena biex intaffi ftit minn dan in-nuqqas u biex fit-tfal ma nzidx ir-rabja ghal missierhorn xi drabi nixtri xi affarijiet u nghidilhom li xtrahomlhom missierhom. Lanqas fil-Milied ma ndenja ruhu jcemplilhom flit. Jiena qieghda nbati hafna biex nghix u finanzjarjament issikkata hafna. C jahdem self employed — huwa jibni u jbajjad. Huwa qieghed ukoll prezentament jibni postijiet tieghu (tliet appartamenti, tliet maisonette, pent house u garaxxijiet). Huwa qed jibni l-post li nibghatulu n-notifiki fuqu. Huwa ghandu wkoll post fuq ismu li qieghed joqghod fih huh u jhailas il-kera ta huh. Huwa ma jridx jaghtini flus ghat-tfal u qatt ma ried jaghmel dan. Meta ricentament riclt insiefer bit-tfal biex nara lil missieri huwa beda jopponi mhux ghax jinteressawh it-tfal (it-tfal qatt ma interessawh u mill-2005 qatt ma ghamel l-ebda kuntatt maghhom jew staqsa fuqhom) izda biss b'pika mieghi ghaliex qed naghmel talba ta' manteniment. Kemm hu veru huwa offra li jien inwaqqa t-talba tieghi ghall-manteniment tat- tfal u mbaghad ihallini nsifirhom u naghmel dak li rrid.'*

In kontro-ezami waqt is-seduta tal-31 ta' Ottubru 2012 l-**attrici** kkonfermat li minn Ottubru 2009 sa Jannar 2011 il-manteniment gie mhallas mill-konvenut u minn Jannar 2012 sa Marzu 2012 imhallsin ukoll. Qalet li ppruvat tirranga mieghu minhabba t-tfal izda kien ghalxejn. Qalet li l-konvenut jara lit-tfal taghhom kull nhar ta' Hadd ghal dawn l-ahhar sena u nofs mit-3pm sas-6pm pero` dejjem imur tard u xi kultant igibhom kmieni.

In kontro-ezami wkoll waqt is-seduta tad-19 ta' Novembru 2012 qalet illi ma kinitx qed tahdem u kienet ilha xi sentejn tirregistra. Qalet li kienet hairdresser man-nies u wara ghamlet sena u erba` xhur self-employed f'salon il-Qawra. Qalet

li tircievi c-childrens' allowance u r-relief, b'kollox €500 kull tliet xhur u €435 kull xahar. Ikkonfermat li l-konvenut qabel it-tifla Heida kien ibiegh il-haxix u dan kien qabel Lulju 2000.

**Karmenu Vella u Habiba B Vella** prodotti mill-attrici jixhdu b'mezz ta' affidavit (fol 59) kongunt u jghidu li jiftakru li meta C u A kienu ghadhom flimkien kien ikollhom hafna argumenti bejniethom. Kienu jaraw ukoll hafna daqqiet fuq wicc A u tbengil fuq ghajnejha. Darba kellha wkoll taghmel operazzjoni f'imnehirha minhabba fracture li kienet sofriet wara li qalghet daqqa waqt argument li kellha ma' C. Kienet tghidilhom li C kien aggressiv hafna maghha u mat-tfal.

Jghidu li l-partijiet kien ikollhom hafna argumenti fuq il-flus ghaliex hu ma kien jixtri xejn u ma jaghtihix flus u ghalhekk kien ikollha hafna bzonnijiet neqsin. Hu kien johrog kmieni filghodu u ma jigix sa tard bil-lejl. Meta l-konvenut kien jinfexx f'rabja kien jinsa kollox u jibda jghajjat, isabbat u jsawwat lil A quddiem it-tfal. It-tfal kienu dejjem imwerwrin minn missierhom. Kien ukoll jiehu lil erbat itfal ta' l-ewwel mara tieghu ghand A li kienet titmaghhhom u tiehu hsiebhom hi. Dan kien jigri kwazi kull weekend ghal perjodu twil.

Jghidu li darba kien zgassa l-bieb u dahal bil-forza fid-dar u ha lil Lana mieghu. A cemplitilhom u huma marru malajr — sabu l-bieb ta' barra mqaccat u A kienet qed tibki u kienet inkwetata ghall-ahhar. Qaltilhom li C kien hataf lil Lana u li ma tafx fejn hadha. Huma cemplu lil C biex imorru jiehdu cafe u jkellmuh bil-kalma minghajr ma jindahlu fl-affarijiet ta' bejniethom izda huwa ma accettax. L-ghada mbaghad C kien gab lit-tifla lura u din qaltilhom li kien raqqadha gol-karozza.

Jghidu li l-attrici qed tbati hafna biex tghix u tghajjex liz-zewgt itfal taghhom. Il-konvenut qatt ma jaghtiha flus ghal uliedu stess. Huwa tilef l-interess kollu fit-tfal. Ghalkemm A ma tantx tiftah qalbha jghidu li hu evidenti li ghaddejja minn trawma kbira minhabba s-sitwazzjoni fejn trid trabbi zewgt itfal barra pajjizha u minghajr ghajnuna finanzjarja ta' xejn minghand il-missier.

In kontro-ezami waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2013, **Habiba B Vella** qalet illi hija oht l-attrici. Tghid li ghandhom familjari l-Marokk u ommhom ghadha hajja u tghix il-Marokk u l-Belgju. Qalet li l-incidenti li fihom kien wegga` l-konvenut ma tafx bihom u qatt ma rat xi tbengil jew grif fuqu. Qalet li dak li kitbet fl-affidavit huwa ghaliex kienet tmur u taraha imbengla u kienet tirrakontalha l-attrici.

In kontro-ezami waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2013, **Karmenu Vella** qal li qatt ma kien prezenti waqt li l-partijiet kienu jargumentaw. Qal ukoll li hafna mill-affarijiet jafhom ghaliex qalithomlu l-mara tieghu u l-fatt li ma kienx itiha bizzejjed flus jafu ghaliex kienet tghidlu l-mara u ghaliex gieli ghenuha huma.

Waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tat-22 ta' Frar 2011, xehdu **Christina Farrugia** minn Banif Bank (Malta) plc, **Giovanni Farrugia** minn Fimbank plc, **Nihat Sigirtmac** minn Garanti Bank plc, **Noel Paris** minn Volksbank Limited, **Calvin Bartolo** minn Izola Bank plc, **David Galea** minn APS Bank Limited, **Jeanette Lepre** minn Lombard Bank (Malta) plc li kollha xehdu li l-konvenut ma ghandu ebda kontijiet maghhom.

Waqt l-istess seduta xehed ukoll **Romuald Attard** minn Bank of Valletta plc illi jghid li sab erba` kontijiet tal-konvenut wahdu, kollha attivi, li huma Savings a/c b'bilanc ta' 79c; Business Loan b'bilanc ta' €30,508.27; Business Loan bi zbilanc ta' €139,880.04 u Savings Account b'bilanc ta' €224.28) u pprezenta Dok BOV1 sa BOV 4 (fol 92 et seq).

Xehdet ukoll **Audrey Ghigo** minn HSBC Bank Malta plc li tghid li sabet Savings Account f'isem il-konvenut li llum huwa maghluq (fol 130).

Waqt is-seduta tal-14 ta' Gunju 2011, xehdet **Jennifer Debono** mill-Korporazzjoni ghax-Xoghol u t-Tahrig illi pprezentat employment history tal-konvenut (fol145), registration history (fol 148) tieghu u qalet illi jidher li huwa sospiz mir-registrar min-naha tal-Korporazzjoni ghaliex ikun kiser xi regola tal-Part 1 tar-Registru. Qalet li poggewh fuq part 2 tar-registru b'effett minn 4/08/2008 u minn dak in nhar qatt ma rega` rregistra. Ipprezentat wkoll record tal-korsijiet li ghamel (fol 153), izda meta baghtu ghalih fit-22/10/2009 huwa nfurmahom li m'ghadux interessat ghax qed jahdem anke jekk ma huwiex rifless fl-employment history.

Waqt l-istess seduta xehed ukoll **Ivan Cilia** mid-Dipartiment tas-Sigurta` Socjali illi qal li l-konvenut ma jircievi ebda beneficcju. Kien jircievi ghajnuna ghall-qghad sa Gunju 2006 izda waqaf jirregistra u nqatghlu l-beneficcju. Kien ghamel applikazzjoni ulterjuri fis-27 ta' Marzu 2007 u kienu baghtulu xi mistoqsijiet izda naqas milli jwiegeb u ma weriex interess. Minn dak in nhar ma regax ghamel applikazzjoni ohra.

Waqt is-seduta tad-29 ta' Mejju 2012, xehed l-**Ispettur Gabriel Micallef** in rapprezentanza tal-Kummissarju tal-Pulizija illi esebixxa 13-il dokument dwar rapporti li saru mill-attrici kontra l-konvenut (fol 187 et seq).

Waqt l-udjenza tat-28 ta' April 2015, xehed **Anthony Bonnici** ghas-socjeta` GO plc li qal li kien hemm zewg numri rregistrati f'isem il-konvenut, wahda fissa u wahda cellulari u jipprezenta Dok GO1 sa GO4 a fol 333 et seq.

Xehdet ukoll **Marisa Gauci** minn Vodafone li qalet li ma sabet ebda linja registrata f'isem il-konvenut.

Waqt l-udjenza tat-8 ta' Lulju 2015 xehed **Joseph Caruana** mill-Bank of Valletta li jghid inter alia illi kien hemm zewg loans, u l-iskop tas-sanction letter mahruga fuq isem il-konvenut f'Marzu 2013 kien 'to construct and complete to shellform project consisting of basement garage, one maisonette, two flats and penthouse' u loan three to convert remaining balance minn tal-loan precedenti. Jghid li loan one inqatel b'loan three. Jghid li jidher li l-hlasijiet qed isiru regolari u jidher li qed jidhlu minn xi unemployment benefits. Minn Dok BOV6 (fol 425) jidher li dehlin direct payments minn Central Bank of Malta, unemployment assistance.

Il-**konvenut** jixhed bil-mezz tal-affidavit (fol 275) u jghid hekk:

*1. A B twieldet il-Marokk pero kienet giet tghix hawn Malta. Jien bdejt nohrc maghha fis-sena 1997. Ma stajniex nizzewgu dak iz-zmien peress li t-tnejn li ahna konna separati. Sussegwentement it-tnejn li ahna gibna l-annullameent taz-zwigijiet taghna.*

*Minn din ir-relazzjoni taghna twieldu zewgt itfal Heidi li twieldet fit-13 ta' Lulju 2000 u llun ghandha tlettax-il sena u Lana iz-zghira li twieldet fil-5 ta' Awwissu 2003 u Hum ghandha ghaxar snin*

*2. Dik is-sena fil-25 ta' Lulju 1997 hi kienet izzewget lil Spiridione Tanti. Jien bdejt ir-relazzjon; ma' A fis-sena 1997 u ftit xhur wara morna nghixu flimkien. Dak iz-zmien hi kellha 26 sena u jien kelli tletin sena. Sentejn wara skoprejna li konna qed nistennew l-ewwel wild taghna u t-tnejn konna ferhanin hafna bdik l-ahbar.*

*Jien ghandi erbat itfal ohra mill-ewwel zwieg tieghi. Hi lit-tfal tieghi ma kinitx iggibhom. Huma kienu jigu ghandna kull weekend mill-Gimgha sal-Hadd. Kienet tinfexx fija ghax kelli erbat itfal hafna snin qabel ma ltqajt maghha. Lit-tfal tieghi kienet tghajjami bihom u tara kif tweggaghni bihom. Kienet sahansitra tghidli li mhumiex helwin ghax jixbhu lil ommhom (ghal Joanne ex marti).*

*3. Lili A ghamlitni hajti infern. Kienet tara x'ser tivvinta biex taqla' l-inkwiet u tiggieled mieghi ghal xejn bxejn. Kienet vjolenti u aggressiva mieghi thebb ghalija tigrifni u xxejjer id-daqqiet. Jien kont nipprova nilqaghlha. Kienet isawwatni anka quddiem it-tfal. Kont nipprova nitlaq il barra biex nevita il-provokazzjonijiet taghha ghax it-tir taghha kien li nerfa idejja fuqha biex tkeccini Ibarra mid-dar legalment. Ma kienx jimpurtaha li kienet qed tkisser familja ghax it-tfal ghandhom bzonni ukoll. Mhux darba jew tnejn li qaflitni barra mill-post, kienet taf li ma*

*kellhiex post fejn immur izda m akienx jimprtahha u kont nispicca norqod barra fil-karozza.*

*Jien kont nipprova nghinha, kont hadtha ghall-ghajnuna psikjatrika ghax l-affarijiet li kienet taghmel ma kienux normali. Anka lit-tfal taghna stess kienet tara zejda. Darba minnhom konna qedin fil-kcina u bdiet tghid lit-tfal li dejjem issibbhom fil-warrani taghha u qabdet u nezghet il- qalziet quddiemhom. Vera li dak il-hin it-tfal gew fil-kcina hdejha u hi kienet qed tipprova taghmel il-facendi. Kont mort inkellem lil ohtha biex forsi tkellimha hi u tisma minnha izda ghalxejn.*

*4. Kellna bosta problemi bejnietna tant li peress li ma stajtx nissaporti iktar kelli nitlaq mill-post li kellna btitolu ta' kera. Mill-ewwel f Gunju 2005 hi bdiet il-proceduri tal-medjazzjoni l-Qorti kontra tieghi u kelli naccetta li nhallas manteniment ta' mitt lira Maltin quddiem il-medjatur fOttubru 2005 meta hi kienet taf li jien ma kontx qed nahdem u kelli biss ir-relief. Kont accettajt ghax kont irrikattat minnha li ma turiniex lit-tfal.*

*Fis-7 ta' Novembru 2005 moma flimkien nixtru l-hwejjeg tal-iskola taz-zewgt itfal Birkirkara. Hi giet tghix mieghi u wara ftit regghet telqet. F'Lulju 2006 hallast Lm32.26, fil-15 ta' Mejju 2006 hallast Lm101.33 fis-26 ta' Lulju 2006 hallast Lm44.36 u qabel kont hallast Lml33.59, fil-11 ta' Settembru 2006 hallast Lm36.78 kollha kontijiet tal-Maltacom dak iz-zmien. Hallast Lml50 ghal birthday ta Heidi ghand Mr Wang Chinese Restaurant. Konna ergghajna irrangajna u mort nghix maghha jien. Hallastilha l-ispejjez tas-separazzjoni legali taghha minn ma' zewgha Spiridione Tanti, ai termini tal-Kuntratt tas-separazzjoni datat 20 ta' Settembru 2000 u dawk tal-annullament.*

*Fl-ahhar tas-sena 2005 u 2006 kont hallast il-kera tal-flat, kontijiet ta dawl u ilma telephone cable l-affarijiet minghand il-hanut taz-zebgha Lm76, appliances repair Lm28, zeba tal-hwejjeg Lml5, dry cleaning Lm38, heather tal-banju Lml3, bdil tal-washing machine, xiri ta kuljum Lml65, supermarket Lm644, flus li hallejt id dar ghal hajja ta kuljum Lm292, borom set Lm200, Lm269 kienu flus li nfaqt ghal hajja taghna. Dan biex insemmi ftit mill-spejjez regolari li kont inhallas dak iz-zmien.*

*Hallast b'munita liri Maltin ta' dak iz-zmien, Lml91 affarijiet ghal Hiedi u Lana, Lm50 trasport ghal Heidi, Lml60 birthday party ta Heidi, Lm45 birthday party ta Lana, Lm42 meta konna moma weekend break jien u hi bit-tfal il-Mellieha, Lm267 restaurants u take away, fis-sena 2006 Lm 1548 btala il-Marokk maghha u mat-tfal. Fit-2008 hi bdiet tahdem bil-ktieb tax-xoghol pero qabel dejjem hadmet ukoll u kienet tircievi l-beneficcji socjali u c childrens allowance. Kont tajt ukoll lilha bejn it-2005 u 2006 Lml5 birthday party li kellha mal-hbieb, hairdresser Lm44, beautician Lml37, tabib Lml26, dentist Lm220, pinnoli Lm71.60, rigali tal-*

*Milied u birthday Lm222, nuccali tax-xemx Lm85, Lml75 deheb, LmlO avukat, hwejjeg Lm281 u Lml42, zraben Lml33, go mobile Lml45, petrol Lm85, karozza Lml59 u Lm20 repair, Lm25 spejjez legali, Lm41 u Lm70 hwejjeg Baystreet, Lm8 u Lm10 lilha.*

*6. Wara ftit xhur irrikonciljajna izda fis-sena 2006 iggieldina u domna mifrudin ghal ghaxar xhur. Imbaghad ergghajna irrikonciljajna u domna flimkien sa Dicembru 2008.*

*Ftit xhur wara reghet fethet il-medjazzjoni u imbaghad il-kawza. L-anqas kellna medjazzjoni ghax sirt naf li l-ittra ipprezentatha f 1 ta' Lulju u fis-6 ta' Ottubru kienet diga maghluqa u sa fejn naf jien fil-vakanzi tas-sajf lanqas ikun hemm seduti tal-medjazzjoni.Jien ma kontx irevejt karti biex immorru l-medjazzjoni dak iz-zmien.*

*7. Jien kelli karozza Hyundai bin-Numru ta' Registazzjoni GBC 581 li kienet tiswa elfejn lira Maltin. Il-karozza jien kont hallastha u din il-karozza kont tajtha lilha.*

*Mhux minnu li jien qatt kont aggressiv maghha u mhux minnu li kont nghidilha xi kummenti dwar nies bil-gilda skura, kieku zgur ma kontx nohrog maghha, inhobbha u jkolli zewgt itfal maghha meta diga kelli erbat itfal mill-ewwel zwieg tieghi. Anzi kienet hi li darba meta kienet il-Marokk kien hemm sitt studenti ta' gilda skura u qaltilhom biex imorru lura pajjizhom!*

*8. A ma kinitx titrattani tajjeb. Jien kont naghtiha l-flus tar-relief li kont nircievi. Ghamilt zmien imexxieli niehu hanut bil-kera u bdejt inbiegh il-haxix u l-flus lilha kont naghtihom. Hi kienet tahdem minn dejjem bhala hairdresser, daqqiet ghal rasha go hanut fBugibba u daqqiet man- nies. Kienet anka takkuzani li kelli xi nisa ohra meta dan ma kienx minnu u hi kienet tafu sew. Jien weekend shih mas-sitt itfal kont naghmel u filghaxijiet matul il-gimgha meta kont nahdem kont immur dritt lura d-dar. Hi kellha problema tal-immaniggar tal-flus ghax kienet tonfoq wisq. Jien kont naghtiha l-flus ghal hairdresser u ghal beautician ukoll.*

*9. Naf li kienet tiehu pinnoli li lili kienet tghidli li kienu tad-dieta izda imbaghad kienet tkun irrabjata hafna u tinfexx fija. Meta kont nara hekk, kienet tkissimi mentalment u kienu jaqbduni dwejjaq kbar. Meta tiggieled mieghi kienet iggieghel lit-tfal ma jkellmuniex. Kont akkumpanjajtha ghand Dr Peter Muscat Pembroke u kien jaghtiha l-pinnoli. Wara li sseparajna it-tnejn spiccajna nfittxu l-ghajnuna ghax ir-relazzjoni kisritna. Hutha ukoll ibatu minn xi mard mentali.*

*10. Ma kinitx taghti sapport, meta l-erba tfal l-ohra tieghi kienu jkunu ghandi fil-weekend kont nipprova nsajjarilhom haxix sostanzjuz fill u anka affarijiet bhal froga u nammetti it-tfal ghall- ewwel ma tatnx kienu hadu gost b'dan l-ikel tieghi izda jien kont qed nipprova naghtihom ikel tajjeb ghalihom. Lili kienet theddidni li toqtolli lit-tfal (ta' Joanne) jew li hi tmur taqbez biz-zewgt itfal taghna.*

*11. Jien kont accettajt li nhallas mitt lira Maltin quddiem il-medjatur ghax ma kinitx qed thallini nara lit-tfal. Jien ma kelliex avukat peress li ma kontx nahdem. Hi kienet taf li jien kont ilni hafna nipprova nsib xoghol, kont nirregistra u kelli biss ir-relief. Kont naf li ma stajtx inhallasha il-mitt lira u anka hi kienet taf li ma kellhiex flus izda kieku maccettajtx kienet tkompli ma turiniex it-tfal u jien li nara lit-tfal kien l-iktar importanti. Access kienet taghtni mill-Gimgha fis-730pm sal-Hadd fl- 4pm u l-gimgha ta' wara il-Hadd mid-930am sas-7pm.*

*12. Jien ninkwieta hafna li A tixtieq titlaq tghix il-Marokk fejn il-familja taghha mat-tfal tieghi. Fil-fatt mhux darba jew tnejn li ghamlet rikors biex tmur pajjizha bit-tfal izda l-Qorti qatt ma laqghet it-talba taghha. Dik l-ikbar biza tieghi li ser tiehu lit-tfal barra minn Malta u ma narhomx iktar. Ikun impossibbli li nsibhom jekk tmur f'pajjiz li mhux l-Ewropa specjalment pajjiz Gharbi.*

*Fil-15 ta' April 2010 talbet lil Qorti tordnali niffirma t-tigdid tal-passaport tat-tfal, hemm kont inwetat hafna ghax bzajt li ser tahrab bihom, fil-fatt dik it-talba biss ghamlet u mhux talba biex issiefer. Iz-zwieg taghha mal-malti kien diga giet ddikjarat null u iktar bzajt li ma setghetx toqghod hawn Malta iktar u kienet ser tahrab bit-tfal.*

*13. Fit-27 ta' Mejju 2010 il-Qorti ordnatilha tiddepozita l-passaporti tat-tfal fir-Registru tal-Qorti. Fit-22 ta' Lulju 2010 talbet lil Qorti tawtorizzaha tmur il-Marokk ghal xahar shih mis-16 ta' Awwissu sal-14 ta' Settembru izda l-Qorti cahdet it-talba fis-6 ta' Awwissu u qalet fid-digriet li qed tichad it- talba tenut kont tal-oggezzjoni tal-missier u wkoll tenut kont tal-post tad-destinazzjoni tas-safra. Fid-9 ta' Awwissu hi regghetipprezentat rikors iehor biex issiefer u dan nonostante id-digriet tal-Qorti izda dak inhar stess fid-9 ta' Awwissu il-Qorti regghet cahditilha t-talba.*

*Kien zewgha Spiridione li fetah il-kawza biex il-Qorti tiddikjara iz-zwieg taghhom null fis-sena 2007 u fil-fatt iz-zwieg taghhom gie ddikjarat null fil-25 ta' Gunju 2009.*

*14. Jien xoghol mghandhiex u ipprovajt hafna insib. Hemm hafna dejn mal-bank eluf kbar. Qed nirregistra. Ghandi nghid ukoll li jien inbati b'dahri, ghandi arthritis u jkolli hafna ugiegh.*

*A dejjem hadmet bhala hairdresser. Il-flus taghha hi tibghathom fil-bank ta' pajjizha biex dawn ma jidhrux. It-tfal imorru skola tal-Gvern.*

*15. Lit-tfal damet zmien twil ma turihomliex fil-kawza u kelli naghmel rikors fl-4 ta' Novembru 2010 Ha. r^rhom u fil-5 ta' Jannar 2011 il-Qorti ordnatilha taghtini access kull nhar ta' Hadd mit-3pm sas 6pm. Illum lit-tfal narhom kull nhar ta' Hadd bis-sahha tad-digriet tal-Qorti ghax wara snin iccahhadni minn uliedi, fl-ahhar almenu qed ingawdi lit-tfal li tant ihobb.*

*16. A ghandha seba' mitt sena biex titlaq minn Malta bit-tfal u tmur il-Marokk. Darba kienet ser titlaq bit-tfal u kelli nidhol id-dar billi nimbutta l-bieb biex inwaqqafha milli tiehu lit-tfal. Dak inhar kont zammejt liz-zghira izda l-ghada stess irritomajtha ghand ommha.*

*Fil-bidu tar-relazzjoni taghna meta konna qed nghixu flimkien kont anka accettajt lil ohtha Karima tghix maghna. Darba niftakar li A kienet haditha kontra tieghi u iggieldet minn mieghi ghax ma stajtx nghin lil huha. Kienet qaltli li kellu bzonn xi ghaxart elef lira ghax kien hebb ghal martu b'sikkina u jien ma kellhiex dawk il-flus.*

*17. Fil-bidu tar-relazzjoni taghna hi kienet dahqet bija bl-affarijiet li kienet tghidli, li ma kienux il- verita', izda kienet tghidhomli biex nithassarha kif fil-fatt garha. Kienet qaltli li l-ewwel kienet mizzewga l-Marokk, lil dan kienet telqitu ghax ma kienx jitrattaha tajjeb, imbaghad kellha ragel iehor mill-Marokk stess hemm il-Marokk, izda telqet lil dan ghal ragel iehor Taljan. Imbaghad giet hawn Malta u zzewget lil Malti u z-zwieg taghhom ma rnexxiex. Mid-dehra kienet hadet xi flus kemm lil dak tal-Marokk kif ukoll minghand it-Taljan. Fil-fatt it-Taljan kien gie jfittixha hawn Malta.*

*Riedet tehles minni, darba ghamlitli l-pinnoli fl-ikel minn wara dahri, hassejtni hazin u kelli bil-fors nimted u meta ghidtilha biex iggib it-tabib ma gabitux. Ahna morna l-Marokk flimkien darba.*

*18. Jien hallastha hafna mill-arretrati tal-manteniment li kelli naghtiha. Kelli nissellef il-flus u naghmel iktar dejn ghax ghadni ma sibtx xoghol. Ghandi ukoll dejn ma' hija ta' erbat elef Maltin, dejn mad-dipartiment tas-Sigurta Socjali ta' li*

*kien 1,173 Maltin izda issa fadalli 600 Ewro, u 250 Ewro dejn tal-karozza. Fadalli kontijiet xi nhallas bhal tal-mobile, tad-dawl u l-loans kbar mal- Bank.*

*Mhux vera li bghat nghidilha li jekk ma kinitx ser tinsisti ghal manteniment ma kontx noggezzjona ghat-talba taghha tas-safar kif allegat hi. Jien ghalija t-tfal kollox u ma rridx li tahrab bit-tfal lejn pajjizha li mhux qieghed fl-Ewropa ghax zgur li ma nara lit-tfal qatt iktar.*

*Fadalli arretrati ta manteniment xi nhallas, nixtieq hafna nhallasha il-manteniment fil-hin imam ma nkunx nista'. Jien ghadni qed nghix go garaxx.'*

In kontro-ezami waqt is-seduta tat-30 ta' April 2014, il-**konvenut** qal inter alia illi wara li spiccat ir-relazzjoni ta' bejniethom kien dam xi ghaxar xhur ma jara lit-tfal u dan ghaliex kull darba li kienu jiltaqghu kienu jaqghu ghal xulxin izda mbaghad jergghu jinfirdu u hu ried jevita din ic-cirkostanza. Qal li qatt ma kienet talbitu manteniment u hu kien jirregistra. Qal li l-arretrati kollha thallsu. Qal li ghamel 6 snin jahdem minghajr paga ghax kien xoghol go dar li kellu, u l-flus kien igibhom mill-wirt ta' ommu. Qal li kien ha loan mill-Bank of Valletta ta' Lm90,000.

Waqt is-seduta tad-29 ta' Jannar 2015 il-**konvenut** in kontro-ezami qal illi gieli kien vjolenti ghaliex meta kienu jillitikaw, kienu gieli ggildu bl-idejn. Muri ritratt Dok JZ1 ikkonferma li dawk il-feriti ghamilhomlha hu b'daqqa ta' ponn. Qal li attenda kors tal-Appogg imma ma huwiex vjolenti. Jghid li daqqa jahdem u daqqa ma jahdimx. Ghamel business u fallielu. Qal li mhux l-ewwel darba li ha lill-attrici ghand psikjatra u li fil-bidu li telaq lill-ewwel mara tieghu kien jattendi psychiatric unit u l-attrici kienet tmur mieghu, u kien jiehu xi pilloli wkoll. Dwar ic-certifikati Dok JZ 3 -JZ5 qal li kien qal gidba illi kien fuq id-drogi halli ma jkollux ghalfejn imur jirregistra. Qal li l-attrici gieli hedditu li tmur taqbez bit-tfal taghhom b'kollox. Qal li lit-tfal ma jistax jarahom ghaliex finanzjarjament ma ghandux. Lanqas fejn joqghod decenti ghaliex joqghod go garaxx fejn ghandu biss fridge zghir, ma ghandux cooker u lanqas television. Qal li lit-tfal jarahom kull weekend. Meta jkunu qed jistudjaw jinzlu fil-karozza u meta ma jkollhomx ezamijiet johorgu. Ikkonferma li ma hallijiex tiehu lit-tfal maghha biex tmur tara lil missierha ghax beza` li tibqa` hemm ghaliex gieli hedditu li ssiefer lejn l-Ewropa. Qal li kull meta kellhom xi jghidu dejjem ghamlilha inibizzjoni biex ma titlaqx bit-tfal. Qal li jaf li taqla` hafna flus u tibaghthom il-Marokk ghaliex darba kienu l-Marokk u raha titfa` xi flus il-Bank. Qal li d-djar li kien qed jahdem fuqhom zamm appartament ghalih li ghadu gebel u saqaf u l-ohrajn bieghhom Lm15,000 inqas biex jehles mill-Bank. Qal li ghandu jaghti lill-Bank €500 fix-xahar. Qal li manteniment hallas sa Jannar 2014. Qal ukoll li t-tfal il-kbar jaghtuh xi flus u hu ghandu jtihom. Qal li jbati b'daru u mhux dejjem idahhal l-istess.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-provvedimenti fil-Kodici Civili dwar d-dover tal-genituri li jipprovdu manteniment lill-uliedhom u li huma applikabbli ghall-kaz odjern huma s-segwenti:

L-Artikolu 7*:*
*'(1) Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu,ighallmu u jedukaw lill-uliedhom bil-mod stabbilit fl-Artikolu 3B.'*

L-Artikolu 19*:*
*'(1) Fil-manteniment jidhlu l-ikel. L-ilbies, is-sahha u l-abitazzjoni.*

*(2) Fil-manteniment li ghandu jinghata lill-ulied u dixxendenti ohra, jidhlu ukoll l-ispejjez mehtiega ghas-sahha u ghall-edukazzjoni taghhom.'*

L-Artikolu 20*:*
*'(1) Il-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih.*

*(2) Fl-istharrig sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalghu xorta ohra, ghandu jittiehed qies ukoll tal-hila tieghu fl-ezercizzju ta' xi professjoni, arti jew sengha.*

*(3) Meta jitqiesu il-mezzi ta' min hu obbligat ghall-manteniment, ghandu jinghad biss il-qligh tieghu mix-xoghol tal-professjoni, arti jew sengha, is-salarju jew il-pensjoni tieghu moghtija mill-Gvern jew minn haddiehor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm imobbli u kull dhul li jinholoq taht trust.*

*(4) Ma jitqiesx li ghandu mezzi bizzejjed biex jaghti l-manteniment min ma jistax jaghtih hlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il-manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.*

*(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, ghandu jittiehed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew imobbli kif ukoll ta' kull interess beneficjarju taht trust.'*

Fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Bronia Magro vs Mark Anthony Sammut** deciza fis-7 ta' Dicembru 2016, saret rassenja tal-principji u gurisprudenza in materja ta' manteniment illi huma applikabbli wkoll ghall-kaz odjern:

*"Il-partijiet, genituri taz-zewg minuri, m'humiex mizzewgin. Dwar l-obbligi ta' manteniment tal-ulied ta' genituri li ma jghixux flimkien japplikaw l-istess regoli, sew jekk il-genitura huma mizzewgin lil xulxin, sew jekk le.*

*Issir ghalhekk referenza ghall-provvedimenti fil-Kodici Civili li jipprovdu dwar il-manteniment tal-ulied f'kaz ta' firda tal-genituri mizzewgin, partikolarment l-Artikolu 54 tal-Kodici Civili.*

*Fil-kawza fl-ismijiet "**Angela Conti vs Lawrence Bonnici"** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar 2015 gie dikjarat li :*
*" Wiehed l-ewwel nett ghandu jifhem li f'ezercizzju bhal dak li taghmel Qorti biex tiffissa hlas ta' manteniment, l-istess Qorti tkun qed taghmel apprezzament tal-fatti li jkollha quddiemha u mbaghad skont l-artikoli tal-ligi fuq imsemmija tal-Kodici Civili tasal ghall-konkluzjoni taghha dwar x'ghandu jkun l-ammont gust li jithallas."*

*Fil-kawza fl-ismijiet "**Catherine Mifsud vs Louis Mifsud"** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru 2013 gie dikjarat li:*
*" Il-manteniment ma huwiex xi dritt sagrosant ta' min jissepara izda jigi ordnat il-hlas tieghu meta hemm il-bzonn( l-Artikolu 20.1 tal-Kodici Civili jghid li l-manteniment jkun dovut skont il-bzonnta' min qed jitolbu). Skont is-subincizi l-ohra tal-istess artikolu l-manteniment ghandu jigi ffissat skont il-mezzi ta' min huwa obbligat jivversah u dawn il-mezzi jinkludu l-qliegh mill-attivita' tieghu u anke l-utili tal-beni tieghu."*

*Billi l-konvenut ghamel xi zmien ma jahdimx issir referenza partikolari ghas-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Novembru 1990 fil-kawza fl-ismijiet "**Jane Camilleri pro te noe vs Carmelo Camilleri**" fejn ntqal li:*
*"Il-ligi titlob li l-manteniment ghandu jinghata skont il-qlieh tar-ragel u l-utili tieghu, pero' dan ma jistax jigi interpretat b'mod li r-ragel jista' meta jrid jirrezenja mix-xoghol bla raguni gustifikata u jhalli lill-familja bla ma jipprovdi ghaliha"."* [sottolinear tal-Qorti]

**Ikkunsidrat**:

**Kura u Kustodja**

L-attrici titlob li tinghata il-kura u l-kustodja taz-zewg minuri, u l-konvenut ma jopponiex ghal dan. Ikkunsidrati wkoll il-provi mressqa fil-kors tal-odjerni proceduri, ma tezisti ebda raguni ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex tilqa` din it-talba.

In vista tal-biza` tal-konvenut illi l-attrici titlaq minn Malta b'uliedhom, il-Qorti qeghdha tiddeciedi illi decizjonijiet rigwardanti s-safar tal-minuri ghandhom jittiehdu miz-zewg genituri flimkien, b'dan illi jkun jehtieg il-kunsens tat-tnejn sabiex il-minuri jkunu jistghu isiefru.

Rigward l-access illi l-konvenut jista` jkollu versu uliedu, il-Qorti tinnota li ghalkemm il-konvenut ma ghamel ebda talba in rigward, hija dejjem ghandha s-setgha u l-awtorita` sabiex *ex ufficio* taghti dawk l-ordnijiet relatati mal-interessi tal-minuri, inkluz dritt ta' access.

In mankanza ta' talbiet ghal tibdil fl-access da parti tal-partijiet, din il-Qorti sejra tikkonferma d-digriet pendente lite tal-5 ta' Jannar 2011 li ghadu jirregola l-access tal-konvenut sal-lum, b'dan illi l-konvenut gie akkordat access ghal uliedu kull nhar ta' Hadd mit-3pm sas-6pm.

**Manteniment**

L-attrici titlob manteniment ghal wliedha, flimkien mal-arretrati mis-sena 2006 'l quddiem, kif ukoll manteniment ghaliha u ghal uliedha. Il-konvenut jargumenta li hu ma jahdimx jew ma jahdimx b'mod regolari[1], li jghix go garage u li ma ghandux il-mezzi sabiex imantni lill-minuri.

Din il-Qorti, fl-ewwel lok, tirribadixxi l-principju li hu obbligu impost fuq iz-zewg genituri li jikkontribwixxu ghall-manteniment ta’ uliedhom, u sta ghalihom li jaghmlu dan mill-ahjar li jistghu b’dan li l-fatt li genitur ikun dizokkupat mhix skuza biex dak li jkun jahrab minn dan l-obbligu (vide in materja wkoll App. S. **Romina Xerri vs Alvin Magri** deciza 27 ta' Frar 2009). Inghad ukoll illi jekk ir-ragel ma jahdimx huwa ma jehlisx minn dan l-obbligu jekk ma jkollux xi impediment serju jew marda gravi li jinabilitawh ghax-xoghol (vide PA **Emanuela Bartolo vs Francis Bartolo** deciza 27 ta' April 1965).

Fit-tieni lok, din il-Qorti tara li, ghalkemm il-konvenut ma huwiex registrat f'ebda impjieg, irrizulta mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Bank of Valletta plc illi f’dawn l-ahhar snin ha *business loan* fil-11 ta' Awwissu 2006, li nghalaq fis-16 ta' Novembru 2011 kif ukoll loan fis-sena 2013 *'to construct and complete to shellform project consisting of basement garage, one maisonette, two flats and penthouse'* li skont il-konvenut stess, kien zvilupp fuq art illi wiret minghand ommu. Ghalkemm jghid li dan il-*business* fallielu u l-bank hadlu zewg appartamenti biex jaqta d-dejn[2] huwa jikkonferma illi zamm appartament minnhom li huwa fuq ismu u li ghadu gebel u saqaf. Huwa jikkonferma wkoll illi bhala spejjez ghandu €500 pagament lill-bank fix-xahar, apparti l-ispejjez tieghu

1 Fol 305, 321
2 Fol 321

personali.[3] Jirrizulta wkoll illi huwa ghandu propjeta` immobbli ohra, jew ahjar il-garage li jghid li jghix go fih.

Il-Qorti tosserva illi l-konvenut ma ddejjaq xejn jiddikjara falsament mad-Dipartiment tas-Sahha illi kien jikkonsma d-droga sabiex ma jirregistrax, u dan ghaliex fi kliemu stess, kien jibqa` rieqed u jfalli r-registrar u kien jaghmel certifikati biex ma jirregistrax sabiex jiehu r-relief minghajr ma jirregistra,[4] Mhux hekk biss, talli r-rapprezentant tal-ETC tixhed illi l-konvenut ma baqax jirregistra, u meta baghtu ghalih sabiex isib impjieg, kien qalilhom li ma kienx interessat ghaliex kien qieghed jahdem.[5]

Ezaminati l-provi kollha mressqa l-Qorti hi tal-fehma li l-konvenut kien ekonomiku mal-verita' meta jaghti wiehed x'jifehm illi m'ghandux minn fejn ihallas manteniment. Il-Qorti ghalhekk sejra tikkundannah ihallas manteniment ghall-minuri.

L-istess ma jistax jinghad rigward it-talba tal-attrici ghal manteniment ghaliha personali. Hija mhux biss ma ghandhiex drittijiet ta' manteniment naxxenti mir-rabta matrimonjali in kwantu qatt ma zzewwget lill-konvenut, izda hija kapaci tahdem u tmantni lilha nnifisha, u fil-fatt hekk taghmel. Ghalkemm tghid illi hija tahdem part-time sabiex tkun tista` tiehu hsieb lil uliedha, issa li uliedha ghandhom kwazi sbatax u erbatax-il sena rispettivament, kapaci ssib impjieg full-time li jkun jippermettila introjtu akbar.

Rigward il-quantum ta' manteniment li ghandu jhallas il-konvenut ghaz-zewg uliedu, jinghad illi l-provi in sostenn tal-ispejjez necessarji ghall-ghixien tal-ulied huma pjuttost skarsi. Il-Qorti tinnota illi skont il-verbal tal-udjenza tat-23 ta' Frar 2016, l-attrici kellha tipprezenta nota guramentat bil-lista tal-ispejjez fir-rigward tal-minuri izda din baqghat ma gietx pprezentata. Dak li jirrizulta min-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici hija indikazzjoni ta' x'inhuma whud mill-ispejjez illi hija thallas ghal uliedha, bhal lezzjonijiet tal-privat li ghall-kbira jammontaw ghal €150 fix-xahar skont ricevuti annessi mal-istess nota[6], kif ukoll l-ispejjez normali tal-hajja u tal-bzonnijiet sia skolastici kif ukoll personali ta' zewg xebbiet ta' sbatax u erbatax-il sena rispettivament.

Meta tqies il-bzonnijiet dejjem jizdiedu ta' dawn iz-zewg xebbiet, u l-piz li hadet fuq spallejha l-attrici biex trabbihom kwazi wahedha, kif ukoll il-fatt li l-konvenut

---

3 Fol 320
4 Fol 310
5 Fol 145
6 Il-Qorti tinnota li la tinghata spjegazzjoni ghal dan l-ammont li jithallas fix-xahar u l-ircevuti annessi man-nota ta' sottomissjonijiet lanqas ma huma guramentati u ghalhekk ma hijiex se tikkunsidra tali ammont fil-komputazzjoni tal-quantum tal-manteniment dovut mill-konvenut ghal uliedu minuri.

fil-fehma tal-Qorti ghandu dhul adegwat il-Qorti qeghdha tiddeciedi illi b'effett millu il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' erba' mitt ewro (€400) (€200 ghal kull wild) fix-xahar bhala manteniment ghaz-zewg minuri pagabbli mill-konvenut lill-attrici b'dan illi jekk jibqghu jistudjaw full-time wara li jaghlqu rispettivament tmintax-il sena, il-manteniment jibqa' jithallas mill-missier sakemm jaghlqu l-eta` ta' 23 sena.

Dan l-ammont ikun pagabbli fl-ewwel gurnata ta' kull xahar, u jinkludi l-ispejjez ordinarji ta' sahha u edukazzjoni. Tali manteniment ikun rivedibbli kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja.

Il-manteniment tal-minuri sallum ghandu jibqa' regolat bid-digriet pendent lite.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta` u tiddeciedi l-kawza billi, filwaqt li tilqa' r-raba' eccezzjoni tal-konvenut u tichad il-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-konvenut,

1. Tilqa` l-ewwel talba attrici u tafda l-kura u l-kustodja taz-zewg ulied minuri tal-partijiet, Heidi u Lana, esklussivament lill-attrici, b'dan illi decizjonijiet dwar is-safar tal-minuri ghandhom jittiehdu konguntivament u bil-kunsens taz-zewg partijiet. Il-konvenut ghandu jezercita access versu l-minuri kull nhar ta' Hadd bejn it-3pm u s-6pm.

2. Tilqa` parzjalment it-tieni talba u tiffissa s-somma ta' €400 (€200 ghal kull wild) fix-xahar bhala manteniment pagabbli mill-konvenut ghaz-zewg minuri u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici €400 fix-xahar bhala manteniment ghaz-zewg minuri b'dan illi jekk l-ulied jibqghu jistudjaw full-time wara li jaghlqu rispettivament tmintax-il sena, il-manteniment jibqa' jithallas mill-missier sakemm jaghlqu l-eta` ta' 23 sena. Dan l-ammont ikun pagabbli fl-ewwel gurnata ta' kull xahar, u jinkludi l-ispejjez ordinarji ta' sahha u edukazzjoni. Tali manteniment ikun rivedibbli kull sena skont l-indici tal-gholi tal-hajja. Il-manteniment sallum dovut sallum mill-konvenut ghaz-zewg minuri jibqa' regolat bid-digriet pendente lite.

3. Tichad it-talba ghal manteniment ghall-attrici.

Bl-ispejjez in kwantu ghal kwint (1/5) a karigu tal-atrici u in kwantu ghal erba' kwinti (4/5) a karigu tal-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**